

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Jannar 2017 – Rainer Typke vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-491/15 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Artikolu 3 — Kunċett ta' dokument — Artikolu 2(3) — Dokumenti miżmuma minn istituzzjoni — Klassifikazzjoni ta' informazzjoni miżmuma f'database — Obbligu li jiġi stabbilit dokument ineżistenti — Assenza — Dokumenti eżistenti li jistgħu jiġu estratti minn database)*

(2017/C 063/05)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellant: Rainer Typke (rappreżentant: C. Cortese, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Clotuche-Duvieusart u B. Eggers, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Rainer Typke huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 27, 25.1.2016.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-26 ta' Ottubru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Mercantil n° 3 de Barcelona – Spanja – Ismael Fernández Oliva vs Caixabank SA (C-568/14), Jordi Carné Hidalgo, Anna Aracil Gracia vs Catalunya Banc SA (C-569/14), Nuria Robirosa Carrera, César Romera Navales vs Banco Popular Español SA (C-570/14)**

(Kawżi Magħquda C-568/14 sa C-570/14) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 93/13/KEE — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Kuntratti konklużi bejn bejjiegħa jew fornituri u konsumaturi — Kuntratti ipotekarji — Klawżola ta' rata minima — Proċedura kollettiva — Proċedura individwali bl-istess suġġett — Miżuri provviżorji)*

(2017/C 063/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Mercantil n° 3 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Ismael Fernández Oliva (C-568/14), Jordi Carné Hidalgo, Anna Aracil Gracia SA (C-569/14), Nuria Robirosa Carrera, César Romera Navales (C-570/14)

Konvenuti: Caixabank SA (C-568/14), Catalunya Banc SA (C-569/14), Banco Popular Español SA (C-570/14)